MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Numru. 367/2009

Il-Pulizija
(Sp Nezren Grixti)
vs
George Muscat, iben George, imwieled Ħal-Qormi fl-4 ta' April, 1955, karta ta' l-identita' numru 312355(M)
u
Paul Attard, iben Grazio, imwieled Attard fil-31 ta' Lulju, 1975, karta ta' l-identita' numru 359775(M)
u
Adrian Muscat, iben George, imwieled Pieta' fil-11 ta' Marzu, 1982, karta ta' l-identita' numru 166682(M)
u
Francis k/a Tarcisio Galea, iben Andrea, imwieled Mosta fil-11 ta' April, 1958, karta ta' l-identita' numru 289358(M)
u
Edmond Bartolo, iben Carmel, imwieled Attard fit-3 ta' Awwissu, 1964, karta ta' l-identita' numru 53565(M)
u

Emanuel Zahra, iben Joseph, imwieled Zurrieq fit-12 ta' Diċembru, 1957, karta ta' l-identita' numru 812157(M)

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati:

1. Iil George Muscat, Paul Attard u Adrian Muscat, waħedhom, talli fil-kapaċita' tagħhom ta' diretturi fil-kumpanija GAP Holdings Limited, għaldaqstant, bħala l-klijenti fis-sit tal-kostruzzjoni li tinsab fi Triq Dun Frans Camilleri, Ħamrun nhar is-17 ta' April, 2007, matul il-ġurnata u fix-xhur ta' qabel naqsu milli jaħtru 'supervisor' għall-proġett għall-istadju tad-disinn u 'supervisor' tal-proġett għall-istadju tal-kostruzzjoni u dan skont l-artikolu 3(1) ta' l-A.L. 281 ta' l-2004;

2. Iil George Muscat, Paul Attard u Adrian Muscat, waħedhom, fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqsu milli jżommuflies dwar saħħa u sigurta' u kull informazzjoni oħra rilevanti dwar is-saħħa u is-sigurta', u jqiegħdu għad-dispozizzjoni ta'kull min ikun irid jispezzjonhom u li jkun jinħtieġ l-informazzjoni mill-file biex iħares kull obbligazzjoni li toħroġ mill-liġi u dan skont l-artikolu 3(2) ta' l-A.L. 281 ta' l-2004;

3. Iil George Muscat, Paul Attard u Adrian Muscat, waħedhom, talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqsu milli jikkomunikaw avviż bil-quddiem lill-Awtorita' għas-Saħħa u Sgurta' fuq il-Post tax-Xogħol, ta' l-anqas erba' ġimgħat kalendarji qabel ma jibda x-xogħol u jwaħħlu kopja ta' l-avviż fuq is-sit tal-kostruzzjoni u jekk ikun hemm bżonn din għandha tkun aġġornata perjodikament u dan skont l-artikolu 4(1) ta' l-A.L. 281 ta' l-2004;

4. Iil George Muscat, Paul Attard u Adrian Muscat, waħedhom, talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqsu milli jikkordinaw l-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u sigurta', billi jikkordinaw l-implimentazzjoni tad-dispozizzjonijiet rilevanti sabiex jiġi zgurat il-protezzjoni tal-ħaddiema u persuni mpjegati għal rashom, u dan billi jorganizzaw koperazzjoni bejn il-kuntratturi bl-iskop li jiġu protetti l-ħaddiema u li jiġu evitati nċidenti u perikolu li għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll li

jikkordinaw dawk l-arranġamenti kollha sabiex jivverifikaw l-proċeduri tax-xogħol ikunu qegħdin jjiġu mplimentati b'mod korrett u dan skont l-artikolu 5(a)(b)(d)(e) ta' l-A.L. 281 ta' l-2004;

5. lil Tarcisio Galea, waħdu, talli fis-17 ta' April, 2007 għal ħabta ta' l-4.00 p.m. fi Triq Dun Frans Camilleri, Ħamrun fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur tal-kumpanija Carin Construction Ltd., bħala kuntrattur ewlieni, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila u arti fil-professjoni tiegħu kkaġuna l-mewt ta' tnejn min-nies u cioe' ta' Godwin Buhagiar, ta' 45 sena, mis-Siġġiewi (karta ta' l-identita' numru 423462(M)), kif ukoll ta' Slobodan Drylic, ta' 22 sena, ta' nazzjonalita' serba, bin-numru tal-passaport 4982002, skont l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali;

6. lil Tarcisio Galea, bħala direttur ta' Carin Construction Ltd., lil Edmond Bartolo, bħala Administration and Finance Manager, u lil Emanuel Zahra, bħala Works Manager, fl-istess kumpanija, bħala persuni li jħadmu fis-sit ta' kostruzzjoni li jinsab fi Triq Dun Frans Camilleri, Ħamrun, fis-17 ta' April, 2007 matul il-ġurnata, u fil-ġranet ta' qabel naqsu milli jħarsu s-saħħa u is-sigurta' ta' l-impjegati kollha, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu effettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan skont l-artikolu 6(1)(2) ta' l-Att 27 ta'l-2000, Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. lil Tarcisio Galea, Edmond Bartolo u Emanuel Zahra, talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li jħaddmu, u ta' kull persuna li taħdem għal rasha, naqsu li jagħmlu, jew li jizguraw li ssir, evalutazzjoni xierqa, suffiċienti u sistematika tal-perikoli għas-saħħa u is-sgurta' kollha li jistgħu jkunu prezenti fuq il-post tax-xogħol u ir-riskji li jirrizultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xogħol. Dawn l-evalutazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u is-sigrta' tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom jkunu esposti waqt ix-xogħol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirrizultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan skont l-artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36 ta' l-2003;

8. lil Tarcisio Galea, Edmond Bartolo u Emanuel Zahra, talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li jħaddmu ħames ħaddiema jew aktar, naqsu li jżommu fil-pussess tagħhom kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawk l-evalwazzjonijiet u li jizguraw li jkunu aġġornati regolarment skkont l-artikolu 10(2) ta' l-A.L. 36 ta' l-2003;
9. lil Tarcisio Galea, Edmond Bartolo u Emanuel Zahra talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li jħaddmu, naqsu milli jizguraw is-saħħa u is-sigurta' tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol u jagħmlu l-arranġjamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll u monitoraġġ u rivista tal-miżuri preventivi u prottettivi, waqt li jikkunsidraw in-natura tal-attivitajiet u id-daqs ta' l-impriża, jidentifikaw il-perikolu fuq il-post tax-xogħol u jevitaw riskji għas-saħħa u is-sigurta' u jevalwaw dawk ir-riskji għas-saħħa u is-sigurta' tal-ħaddiema li ma jistgħux jiġu evitati u jikkontrollawhom mill-bidu skont l-artikoli 4(1)(2) u 5(i)(ii) ta' l-A.L. 26 ta' l-2003;
10. lil Tarcisio Galea, Edmond Bartolo u Emanuel Zahra talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li jħaddmu naqsu milli jevalwaw ir-riskji għas-saħħa u is-sgurta' fost l-oħrajn fl-għażla tat-tagħmir tax-xogħol, is-sustanzi kimiċi u il-preparazzjonijiet kimiċi użati, il-prassi u l-attivitajiet tax-xogħol u l-għazla u it-tagħmir tal-postijiet tax-xogħol, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-ħaddiema sabiex iwettqu x-xogħol assenjat lilhom mingħajr perikoli u jieħdu l-mizuri neċessarji kollha sabiex jipprevenu riskji għas-saħħa u is-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u jagħzlu persuna waħda li jkollha l-ħeġġa, kapaċita', kompetenza u taħriġ neċessarju sabiex jassisti fit-teħid ta' mizuri meħtieġa fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u is-sgurta' fuq il-post tax-xogħol u il-prevenzjoni u il-kontroll tar-riskji fuq ix-xogħol skont l-artikoli 6(1)(2) u 9(1) ta' l-A.L. 36 ta' l-2003;
11. lil Tarcisio Galea, Edmond Bartolo u Emanuel Zahra talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqsu li żommu s-sit tal-kostruzzjoni milli jinzamm fi stat tajjeb, u fi stat ta' ndafa sodisfaċenti u jistabilixxu rotot għall-passaġġ bla perikolu u iċ-ċaqlieq tal-apparat skont l-artikolu 7(a)(b) ta' l-A.L. 281 ta' l-2004.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta’ Frar, 2012 fejn iddikjara li war li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
Fir-rigward ta’ George Muscat, Paul Attard u Adrian Muscat, waħedhom:
a. fir-regolamenti 3(1)(2), 4(1), 5(a)(b)(d)(e), 12 u 13 ta’ l-A.L. 281 ta’ l-2004 (S.L. 424.29) tal-Liġijiet ta’ Malta;
b. fl-artikoli 17, 23, 121D u 533 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fir-rigward ta’ Francis k/a Tarcisio Galea, waħdu:
a. fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta’ Malta;
c. fir-regolamenti 4(1)(2), 5(i)(ii), 6(1)(2), 9(1), 10(1)(2), 20 u 21 tal-A.L. 36 ta’ l-2003 (S.L. 424.18) u fir-regolamenti 7(a)(b), 12 u 13 tal-A.L. 281 ta’ l-2004 (S.L.424.29) tal-Liġijiet ta’ Malta;
d. fl-artikoli 17, 23, 121D u 533 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fir-rigward ta’ Edmond Bartolo u Emanuel Zahra, waħedhom:
a. fl-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta’ Malta;
b. fir-regolamenti 4(1)(2), 5(i)(ii), 6(1)(2), 9(1), 10(1)(2), 20 u 21 tal-A.L. 36 ta’ l-2003 (S.L. 424.18) u fir-regolamenti 7(a)(b), 12 u 13 tal-A.L. 281 ta’ l-2004 (S.L.424.29) tal-Liġijiet ta’ Malta;
c. fl-artikoli 17, 23, 121D u 533 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta’ Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Marzu, 2012 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Marzu, 2013 fejn il-prosekuzzjoni nformat il-Qorti li kienet qed tirtira l-kawża kontra George Muscat, Paul Attard, Adrian Muscat, Edmond Bartolo u Emanuel Zahra minħabba l-fatt li dawn

l-imputati kienu ħallsu l-multi li kienu ġew imposti amministrativament.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Marzu, 2013 fejn il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-ħames akkuża miġjuba kontra l-imputat Tarcisio Galea ma tirrizultax.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-prosekuzzjoni ppruvat is-sitt, is-seba’, it-tmien, id-disa’ u l-għaxar akkuża miġjuba kontra l-imputat Tarcisio Galea.

Għaldaqstant, a bażi tad-dikjarazjoni tal-prosekuzzjoni tiddikjara l-proċediment eżawrit fil-konfront ta’ l-imputati George Muscat, Paul Attard, Adrian Muscat, Edmond Bartolo u Emanuel Zahra. Ma ssibx lill-imputat Tarcisio Galea ħati tal-ħames u tal-ħdax il-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tas-seba’, tat-tmien u tal-għaxar akkuża miġjuba kontra tiegħu li huma assorbiti fis-sitt akkuża miġjuba kontra l-imputat Tarcisio Galea. Kif ukoll issibu ħati tad-disa’ akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta’ Malta u ir-Regolamenti 4(1)(2) u 5(i)(ii) ta’ l-A.L. 36 ta’ l-2003 u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ tnax il-elf euro (€12,000). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat Tarcisio Galea li jħallas is-somma ta’ tlett tlef u mitt euro (€3,100) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------